MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1323/2010

**Lighthouse Communications Ltd**

**Vs**

**Shoemarket Retail Stores Ltd**

B'din il-kawza[1] l-attrici qeghda tippretendi l-hlas ta' tlieta u ghoxrin elf sebgha mija u wiehed u hamsin ewro u tlett centezmi (€23,751.03), ghal servizzi li nghataw relatat ma' reklamar u *web design*. Il-hlas li qeghda titlob l-attrici hu bazat fuq erbgha invoices. Min-naha tal-konvenuta l-kontestazzjoni hi limitata ghall-kont numru 15081 ghas-somma ta' €11,634.80. Fil-verbal tat-8 ta' Frar 2011 jinghad:-

[1] Rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Dicembru 2010.

*"Il-konvenuta tikkontesta t-talba maghmula bil-fattura 15081 ghal Eur11634.80 bhala hlas ghall-xoghol fuq website billi tghid li din il-website ma tlestitix.*

*Il-partijiet jaqblu illi dwar l-invoices l-ohrajn ma hemmx kontestazzjoni u l-konvenuta sejra thallashom bin-nifs sa Gunju 2011 ghalkemm il-konvenuta qeghd zzomm lura l-hlas ta' Eur 500 spejjez gudizzjarji."*.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fil-15 ta' Frar 2011[2], il-konvenuta wiegbet:-

1. Il-fatti numru 14331, 15348 u 15237 mhux qed jigu kontestati. Il-fattur 15081 qeghda tigi kontestata.
2. L-imghax m'ghandux jiddekorri fir-rigward tal-tliet fatturi msemmija peress li bi qbil il-hlas kellu jsir permezz ta' pagamenti ta' €500 fix-xahar. Qatt ma kien hemm ftehim li jithallas l-imghax.
3. L-attrici ghandha tnaqqas is-somma mitluba minhabba l-pagamenti akkonti li qeghdin isiru.
4. Fir-rigward tal-fattura 15081:-

i. L-ammont reklamat hu ezagerat.
ii. L-ammont ma kienx miftiehem bejn il-partijiet imma mitlub unilateralment mill-kumpannija attrici.
iii. It-talba attrici hi intempestiva ghaliex ix-xoghol ghadu ma tlestiex.
iv. Ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, ma sarx skond l-istruzzjonijiet u l-website kif giet zviluppata m'hijiex skond il-ftehim milhuq.
v. Il-kumpannija qeghda ssofri danni li jikkonsisti wkoll f'telf ta' negozju minhabba dewmien zejjed u minhabba li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, u x-xoghol ma sarx skond l-ordnijiet tal-konvenuta.

5. L-attrici kellha tithallas biss meta l-konvenuta tircievi s-sussidju minghand Malta Enterprise.

Permezz ta' nota prezentata fit-8 ta' Frar 2011 l-attrici naqset it-talba ghas-somma ta' €20,251 wara li ddikjarat li

---
[2] Fol. 13.

kien sar hlas ta' €3,500[3]. Mid-deposizzjoni tax-xhud Mireille Cordina, jirrizulta li c-cekkijiet ta' €500 'l wiehed relatati mal-kontijiet mhux kontestati, ma baqghux jissarrfu meta gew prezentati l-bank. B'kollox kien hemm disgha cekkijiet, b'valur totali ta' €4,500. Kuntrarjament ghal dak li ssostni l-konvenuta, l-imghax hu dovut ukoll fuq il-kontijiet mhux kontestati. Il-fatt li l-partijiet ftehemu li dawn jithallsu permezz ta' pagamenti ta' €500 fix-xahar ma jfissirx li bla imghax.

Jirrizulta li fil-15 ta' Lulju 2008 Mark Micallef, direttur tal-kumpannija konvenuta, iffirma ordni li kienet tinkludi li l-attrici tipprovdi *E-Commerce website*, ghall-prezz ta' ghaxart elef ewro (€10,000)[4].

Permezz ta' nota prezentata fit-12 ta' April 2011 il-konvenuta ddikjarat li l-ilmenti dwar il-website huma:-

i. Il-website ma tlestitx fis-sens li ma setax isir bejgh on-line.
ii. L-indirizz u numru tat-telefon li kien jissemma huma ta' kumpannija ohra.
iii. L-attrici ma segwitx l-istruzzjonijiet tal-konvenuta sabiex il-hlas ikun jista' jsir tramite bank kummercjali u mhux bis-sistema tal-Pay Pal.
iv. Ir-ritratti kienu qeghdin idumu ma jigu uploaded fis-sit, u meta jitpoggew kien jkun ghadda zmienhom.
v. Dewmien ezagerat.
vi. Xoghol ghadu mhux kompletat.

Il-qorti semghet ix-xhieda li ressqu l-kontendenti u rat l-atti, u taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

1. Mhux minnu li l-ammont li qieghed jintalab gie stabbilit unilateralment mill-attrici. Jirrizulta li Mark Micallef, id-direttur tal-kumpannija konvenuta, kien accetta l-offerta li ghamlet l-attrici.
2. M'hemmx provi li kien hemm xi dewmien ezagerat biex titlesta l-website. F'email datata 11 ta' Novembru

[3] Fol. 12.
[4] Fol. 17.

2008[5] Sue Zrinzo, impjegata mal-kumpannija attrici, ikkonfermat li kellhom bzonn iz-zraben biex jittiehdu r-ritratti u jpogguhom fil-website. Marcel Mizzi xehed li kien gie nkarigat mill-attrici fis-sajf 2010. Spjega li d-dizinn tal-website kien sar minn haddiehor u qabel mar jiltaqa' ma' ufficjal tas-socjeta konvenuta, *"....ivverifikajt il-website biex inkun naf ezatt x-xoghol li sar fiha. Irrizultali li l-website kienet qeghda tahdem pero ma kienx hemm payment gateway fis-sens illi ghalkemm wiehed seta' jaghmel ordni, ma setax ihallas online."*[6]. Qal ukoll li fil-website kienu jidhru numru *"konsiderevoli ta' prodotti"* u *"Jiena rrealizzajt, meta rajt il-website l-ewwel darba, illi l-payment gateway biex tahdem ma' bank lokali kienet diga' tezisti pero ma kinitx fully configured ghaliex m'hemmx l-account number. L-account number irid ikun ovvjament, f'dan il-kaz tas-Shoemarket."*[7]. Informazzjoni li fil-fehma tal-qorti kellha tinghata mill-konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li minghajr n-numru tal-kont, is-sistema tal-*payment gateway* ma setatx tigi attivata. Dan hu taghrif li bilfors kellu jinghata mill-kumpannija konvenuta. Hu minnu li rrizulta li fil-website kien hemm zball, fis-sens li f'parti minnha kien hemm isem u indirizz ta' kumpannija ohra, pero' dan facilment gie rimedjat meta ngibdet l-attenzjoni tal-ufficjali tas-socjeta attrici. M'hemmx provi konvincenti li x-xoghol li ghamlet is-socjeta attrici ma kienx skond is-sengha u l-arti u li l-website li saret ma kenitx skond l-ordni li ghamel il-klijent. Mark Micallef stess xehed li *"Jien minix bniedem tekniku. Li kien fadal imma biex inkunu nistghu immexxu bil-website l-gdida kienu l-affarijiet tal-Bank."*[8]. F'dan ix-xenarju l-konvenuta ma tistax tilmenta li qeghda ssofri xi danni.

3. Ghal dak li jikkoncerna l-mezz kif kellu jsir il-hlas mill-klijenti li jkunu jridu jixtru permezz tal-website, fil-fehma tal-qorti ma kienx hemm nuqqasijiet mill-kumpannija attrici. Il-provi juru li kien hemm bzonn li l-ufficjali tal-kumpannija konvenuta jaghmlu kuntatt mal-

[5] Fol. 94-95.
[6] Fol. 26.
[7] Fol. 27.
[8] Fol. 57.

bank, li kienet ser tinqeda bis-servizz tieghu, sabiex jaghtuh xi taghrif.

4. Ghalkemm il-konvenuta ssostni li l-website kellu jkollha l-facilita' li l-klijent jara l-prodott idur, l-attrici kkontestat dan 'il fatt. Fl-ordni li ffirma Mark Micallef dan id-dettall ma jissemmix. Ghalhekk il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-konvenuta kkonvincitha li dan id-dettall kellu jkun inkluz. Il-qorti lanqas ma tista' tifhem kif Mark Micallef jilmenta dwar dan u fl-istess waqt xehed *'Jien minix bniedem tekniku, li kien fadal imma biex inkunu nistghu immexxu bil-website il-gdida, kienu l-affarijiet tal-Bank.'*. L-ilment ta' Mark Micallef li fil-website li ddizinjat il-kumpannija attrici lanqas ma kien possibbli li tara d-daqsijiet taz-zraben li kellha l-kumpannija, m'huwiex gustifikat meta tara d-dokument AN2 prezentat mix-xhud Mireille Cordina.

5. Il-konvenuta ghamlet hafna enfazi fuq l-applikazzjoni li kellha ssir mal-Malta Enterprise biex tinghata *tax credit*. Jidher li kienet din l-iskema li hajret lill-konvenuta li tfittex is-servizzi tal-attrici biex taghmel *e-commerce website*. Jirrizulta li fl-14 ta' Awissu 2008 Sue Zrinzo kienet ipprezentat l-applikazzjoni lil Malta Enterprise[9]. Il-qorti m'hijiex konvinta li kien hemm xi ftehim li dan kien parti mill-inkarigu li nghata lill-attrici, tant li lanqas tissemma fl-istima li tat. Fil-fatt f'email datata 8 ta' Awissu 2008 mibghuta minn Sue Zrinzo jinghad: *"I spoke to Mark and Josephine today. The website application is finished and ready to hand in. I'll be going for it on Monday and handing it in myself to get the process going coz if I leave it in their hands, they'll probably take another year to hand it in."*[10]. Permezz ta' ittra datata 19 ta' Settembru 2008[11], Malta Enterprise ikkonfermat li l-applikazzjoni kienet giet approvata soggetta ghall-kondizzjonijiet elenkati fiha, li gew accettati minn Mark Micallef[12]. L-ittra ntbaghatet lill-kumpannija konvenuta. Ghalhekk Mark Micallef ma kienx korrett meta qal:

---

[9] Ara l-ewwel faccata tal-applikazzjoni a fol. 71.
[10] Fol. 93.
[11] Fol.83.
[12] Ara fol. 85.

*'Minghand Malta Enterprise ma rcevejt l-ebda komunikazzjoni.'* (seduta tad-9 ta' Dicembru 2011).

6. Fin-nota prezentata fit-12 ta' April 2011 il-konvenuta spjegat li l-hlas kellu jsir meta l-konvenuta *"....tircievi l-hlas tas-sussidji minghand il-Malta Enterprise state li s-socjeta konvenuta inkarigat lis-socjeta attrici unikament a bazi tal-assigurazzjoni li s-socjeta konvenuta kienet sejra tircievi hlas sostanzjali ghal dan il-website bhala sussidju minghand Malta Enterprise bhala parti minn skema li kien hemm biex tincentiva l-e-commerce."*. M'hemmx provi sodisfacenti li kien hemm xi ftehim simili. Dan apparti 'l fatt li Malta Enterprise ma kellha taghmel ebda hlas. L-iskema kienet sabiex il-kummercjant jinghata tax credit jekk in-negozju tieghu joffri ghall-bejgh prodotti permezz tal-internet. B'hekk il-konvenuta ma kenitx ser tircievi hlas izda tkun tista' tnaqqas mill-ammont taxxabbli s-somma ta' €9,800[13].

7. Minn rapport li ghamlet l-attrici[14] irrizulta li ghal dak li jikkoncerna spejjez relatati mal-webiste, dawn kienu maqsumin:-

a. €3,000 fotografija.
b. €5,610 *website development*.

Fl-ordni li ffirma Mark Micallef jinghad *"Photography of up to 200 items"*. M'hemmx prova li fil-website kien hemm sa 200 ritratt. Anzi mid-dokument esebit minn Mireille Cordina[15], impjegata tal-kumpannija attrici, jirrizulta mod iehor. Jirrizulta wkoll li whud mir-ritratti huma doppji. L-ufficjali tal-kumpannija attrici jsostnu li kien qieghed ikollhom diffikulta' sabiex jikkomunikaw mal-ufficjali tal-

---

[13] Din kienet l-ispiza li giet approvata mill-Malta Enterprise b'riferenza ghall-applikazzjoni tal-kumpannija konvenuta. Joseph Azzopardi, ufficjal tal-Malta Enterprise, xehed: *"Pagament ma jsirx f'kazijiet simili, ghalhekk jinghata tax credit, meta in-negozjant ikun qieghed jimla l-formola tat-taxxa u jiehu credit. Ghalhekk mit-taxxa li ghandu jaghti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, tonqos din is-somma."* (fol. 67).

[14] Fol. 86. Rapport li gie pprezentat mal-applikazzjoni li saret mal-Malta Enterprise ghall-ghoti ta' *tax credit*.

[15] Dok. AN2 – fol. 35 et seq. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011 xehedet: *"....fuq inkarigu ta' l-Avukat Naudi jiena ghamilt printout ta' dak li jirrizulta mill-website ta' Shoemarket. Dan il-printout sar fil-11 ta' Mejju ta' din is-sena."* (fol. 25).

kumpannija konvenuta sabiex jatuhom iz-zraben li kellhom jiehdu ritratti taghhom biex jitpoggew fil-website. Il-qorti ma tarax li hi verosimili li z-zraben li taghhom kellu jittiehed ritratt, kollha nghataw mill-konvenuta. Certament li kien fl-interess ta' l-attrici li tizgura li ritratt taz-zraben kollha li tinghata jitpoggew fil-website biex b'hekk tkun lestiet l-inkarigu. Fuq bazi ta' probabilita' l-qorti hi moralment konvinta li l-konvenuta ma tatx iz-zraben kollha. Madankollu, irrispettivament ta' x'inhi l-verita, mill-provi jidher li fil-website ma kienx hemm ritratti ta' mitejn zarbun. Ghalhekk il-qorti hi tal-fehma li l-attrici m'ghandix jedd li tippretendi l-hlas kollu daqslikieku ghamlet ix-xoghol kollu. Is-somma ghall-fotografija ser tigi riveduta ghal €540 meqjus li fid-dokument li pprezentat Mireille Cordina jidhru sitta u tletin (36) zarbun differenti. Kalkolu li l-qorti qeghda taghmel a bazi ta' prezz ta' €3,000, cjoe' l-prezz dikjarat mill-attrici fir-rapport li hejjiet dwar il-website in kwistjoni.

8. Mix-xhieda li nstemghu l-qorti tifhem li li s-socjeta konvenuta tilfet l-interess fil-website. M'hemmx dubju li sabiex tkun tista' zzomm website ta' din ix-xorta kien ser jinvolvi kwantita ta' xoghol, u jidher li l-kumpannija konvenuta ma kenitx attrezzata ghal dan. Ghalkemm tista' tghid li kien fadal biss it-taghrif relatata mal-kont bankarju li kien ser jintuza meta klijent jixtri mill-website, hu evidenti li l-kumpannija konvenuta naqset milli tikkonkludi dan u milli taghti bizzejjed merkanzija lill-attrici sabiex il-prodotti jkunu jidhru fil-website. Inoltre, mill-atti ma jirrizultax li l-updating tal-website kien parti mill-inkarigu li nghata lill-kumpannija attrici.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad it-tieni eccezzjoni.**
**2. Tiddikjara li m'hemmx x'jinghad dwar it-tielet eccezzjoni gialadarba l-kumpannija attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni.**
**3. Tilqa' l-eccezzjoni 4(i) fis-sens li l-attrici qeghda titlob hlas iktar minn dak li hu dovut.**

**4. Tichad l-eccezzjoni 4(ii).**
**5. Tichad l-eccezzjoni 4(iii).**
**6. Tichad l-eccezzjoni 4(iv).**
**7. Tichad l-eccezzjoni 4(v).**
**8. Tichad l-hames eccezzjoni.**
**9. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' sittax-il elf mija u disgha ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€16,109.23). Bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-kumpannija konvenuta u 20% a karigu tal-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------